*Carmel Attard, Segretarju Ġenerali*

# Soċjetà Filarmonika Prekursur

## *Ħajja u Ħidma*

### Il-Faċċata tal-Każin

Wara diversi snin ta' taħbit u xogħol, biex inġibu il-permessi meħtieġa, din is-sena rnexxielna nlestu ix-xogħol ta' restawr u tisbieħ tal-faċċata tal-każin tal-banda tagħna. Dan ix-xogħol ma kienx ikun possibli, kieku ma kinitx il-ħidma kbira tal-perit is-Sur John Saliba, il-perit Ivana Farrugia, il-bennej u president tas-Soċjetà is-sur Louis Vella u l-kaħħal Donald Pace, fost l-oħrajn li taw is-sehem tagħhom għal dan il-proġett. Grazzi lil tant benefatturi, li bil-għajnuna finanzjarja tagħhom, inkunu nistgħu nkomplu bil-proġetti tagħna għal-gid tas-soċjetà u tal-banda. Kellna wkoll għajnuna finanzjarja ta' €1000, mill-*Good Causes Fund.* Grazzi lil Dr. Chris Said għall-għajnuna li sibna mingħandu f'dan ir-rigward. Grazzi wkoll lil Toni Grima u lil John Vella, viċi President tas-Soċjetà, fost l-oħrajn li taw is-sehem tagħhom fl-armar tal-iscaffolding, u lill-parroċċa li sellfuna dan l-armar biex inkunu nistgħu narmawh mal-faċċata, għax-xogħol ta' tisbieħ u restawr li għamilna. Dan ix-xogħol huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina, u għall-poplu kollu Xewki, li japprezza l-ħidma ta' din is-soċjetà.

### Anniversarji u Ċentinarji

Matul din is-sena ta' ħidma tas-Soċjetà Filarmonika Prekursur, kellha diversi anniversarji, li fakkarna kif inhu xieraq. Fost dawn insemmu:

- Il-25 sena mill-Kumitat tan-Nisa,
- Il-15-il sena tal-Kummisjoni Żgħażagħ Brijużi Xewkin. Dawn huma żewġ fergħat li jaħdmu bis-sħiħ fi ħdan is-Soċjeta tagħna. Kellna wkoll it-tifkira tal-20 sena minn meta l-banda Prekursur bdiet tor-ganizza l-marċ brijuż u ewlieni tal-Ħamis mit-triq meraviljuża tal-Ħniena. Dan il-marċ jiġbed mijiet ta' nies minn Għawdex kollu, kif ukoll anke nies minn Malta jiġu għal dan il- marċ uniku għall-gżira tagħna.
- 150 sena minn meta fetħet l-ewwel skola primarja tas-subien fix-Xewkija, u dan kien fil-lokal fejn illum għandna il-każin tal-banda Prekursur. Kien fit-2 ta' Diċembru 1861, li fetħet din l-iskola biex tgħallem lill-poplu Xewki, u llum wara 150 sena, is-Soċjetà Filarmonika Prekursur, għadha toffri tagħlim b'xejn tal-mużika lil diversi żgħażagħ, li jgħoġobhom jiġu għal dan it-tagħlim f'dan l-istess lokal. Nieħu din l-okkażjoni, biex inħeġġeġ lilek, ħalli tagħmel kulma tista' biex dan il-proġett tal-banda, li bdew missirijietna 83 sena ilu, inkomplu insaħħuh, għax din is-soċjetà tagħmel ġieħ lir-raħal tagħna x-Xewkija, kull fejn tmur.



### Mitt Sena tal-Istatwa

L-istatwa ta' San Ġwann Battista magħmula minn Wistin Camilleri din is-sena tagħlaq 100 sena. Oriġinarjament din kienet saret biex tittella' fuq il-pedestal prinċipali fil-pjazza fi żmien il-festa. Wara għamlet wisa' għall-istatwa li għandna llum, jigifieri dik ta' San Ġwann jgħammed lil Kristu. Illum din l-istatwa qiegħda tigi imdawra madwar it-toroq tan-naħa tal-Ħamrija, fejn wara titpoġġa fuq ped-estal apposta ħdejn l-iskola primarja tax-Xewkija.

### Sittin Sena mill-Ewwel Ġebla

Sittin sena ilu, l-poplu Xewki, feraħ bil-kbir bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja Rotunda u bir-raġun. Missiri-jietna, kien ilhom jitħabtu li jkollna knisja ġdida u kbira li tixraq lir-raħal tagħna u lill-patrun kbir tagħna San Ġwann il-Battista.

Dakinhar kull Xewki, kif ukoll għad kbir ta' Għawdxin u anke Maltin, kienu miġbura madwar l-Isqof, l-Arċipriet u l-kleru biex jifirħu bi ġrajja hekk kbira, li kellha tagħti bidu għal-monument tas-sengħa tal-ħaddiem, xhieda tal-ġenerozità tal-poplu Xewki, u għaxqa ta' kull min iżuru.

**Erbgħin Sena**

Fit-18 ta' Jannar 1972 gie nominat is-suċċessur tal-arċipriet Dun Ġużepp Grech, li miet b'diżgrazzja fit-18 ta' Ottubru 1971, ix-Xewki, il-Wisq Rev. Dun Karm Mercieca, l-arċipriet ħabrieki u attwali, li din is-sena għalaq 40 sena fostna. Fis-6 ta' Frar tal-istess sena, il-Banda Prekursur laqgħetu b'marċi ferrieħa minn ħdejn il-mitħna sal-pjazza. Aħna nirringrazzjawh tax-xogħol kbir li għamel matul dawn l-40 sena, u għadu jagħmel fostna. Nawgurawlu iktar saħħa u ħidma b'risq ir-raħal tagħna.

**Tletin Sena**

Id-demm ibaqbaq ta' kull Xewki għall-festa li niċċelebraw bil-kbir kull sena għal-aħħar ta' Ġunju, giegħel lill-ħutna emigranti, biex huma wkoll, f'pajjiż daqstant 'l bogħod minn xtutna u b'kultura tant differenti minn tagħna, jirnexxielhom jingħaqdu u jorganizzaw festa hekk kbira, sena wara sena. Barra il-festa, dan il-kumitat għamel ukoll ħafna armar li jkompli jżejjen din il-festa.



*L-ewwel purċissjoni li kienet saret bil-kwadru tal-Battista. Is-sena ta' wara saret l-istatwa. Ritratti: J. Bezzina*

Din is-sena, dawn ħutna, ġewwa Melbourne l-Awstralja, jagħlqu 30 sena minn meta bdew jorganizzaw il-festa ta' San Ġwann Battista . Aħna nixtiequ nawguraw iktar suċċessi u ħidma lil dawn sħabna u ħutna Xewkin.

**25 Sena Ħidma ta' John Vella**

Barra dawn l-anniversarji, għandna il-ġublew tal-fidda ta' John Vella, bħala membru tal-Kumitat Ġenerali. Il-biċċa l-kbira huwa okkupa il-kariga ta' Kaxxier tas-Soċjetà. Taħt l-amministrazzjoni tiegħu, saru diversi proġetti li kienu jinvolvu għaqal finanzjarju kbir. Aħna nawgurawlu iktar ħidma b'risq din is-soċjetà li tant jaħdem mill-qalb biex timxi 'l quddiem.

**15-il Sena Ħidma tas-Surmast Mro Anthony Borg**

F'Lulju tas-sena 1997, is-Soċjetà Filarmonika Prekursur, ħatret lil Mro. Anthony Borg bħala is-sitt surmast tal-Banda Prekursur. Allura din is-sena huwa jagħlaq 15-il sena bħala surmast direttur ta' din il-banda li hija tant għal qalbu. Għalkemm għandna l-baħar jaqsam għaliex huwa joqgħod Malta, is-surmast qatt ma falla kunċert jew servizz f'dawn il-15-il sena. Id-dinamiżmu tiegħu u l-paċenzja li għandu jagħmluh bħala surmast ewlieni, u jirrifletti fil-kunċerti u l-programmi varjati li jagħmel permezz tal-banda Prekursur. Aħna nawguraw iktar ħidma għall-gid ta' din il-banda.



**10 Snin President**

Bniedem li ħadem ħafna biex iġib il-banda tagħna u s-soċjetà inġenerali 'l quddiem huwa s-Sur Louis Vella. Huwa beda bħala Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika biex imbagħad fl-2002, huwa gie maħħtur President tas-Soċjetà. Fi żmienu saru diversi aġġustamenti fl-istruttura tal-każin tal-banda. Fost oħrajn, sar it-taraġ tal-kazin tal-granit u l-bust fil-bronż tal-fundatur tal-banda is-surmast Indri Borg. Din is-sena biex ifakkar l-10 anniversarju minn meta ġie maħtur president tas-soċjetà, huwa ħadem bi sħiħ biex inlestu ix-xogħol tar-restawr tal-faċċata tal-każin. Ħafna minn dan ix-xogħol li għamel kemm fil-kazin u kemm issa fil-faċċata huwa għamlu mingħajr ħlas, barra li ħallas minn butu xi proġetti oħra. Aħna ninsabu kburin bil-presidenza tiegħu, u nawgurawlu iktar ħidma fi ħdan is-Soċjetà Prekursur.



Mela f'din il-ġimgħa tal-festa, irrifletti ftit, fuq ix-xogħol li nagħmlu aħna tas-Soċjetà Filarmonika Prekursur biex il-festa ta' San Ġwann Battista tkun waħda kbira, kif verament jixraq lill-patrun tagħna.